MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## ONOR. IMHALLEF

## MICHAEL MALLIA

Seduta tas-26 ta' Marzu, 2015

Appell Kriminali Numru. 487/2014

Appell Nru: 487/2014

Il-Pulizja

Spettur Carol Fabri

Vs

Jean Paul Bugeja

Illum 26 ta' Marzu, 2015

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellant Jean Paul Bugeja, detentur tal-karta tal-identita Maltija bin-numru 481589M, quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli:

Fil-15 ta' Settembru, 2013 fil-16:00hrs gewwa Triq Santa Katerina, Marsaxlokk;

1. Saq vettura b'numru ta' registrazzjoni AAL225 b'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni teighu, jew b'nuqqas ta' tharis tar-regolamenti, habat ma mutur bin-numru ta' registrazzjoni BBZ456 tat-tip HD2 SYM u involontarjament ikkagunalu hsara ghad-detriment ta' John Caruana minn Marsaxlokk;
2. Aktar talli fl-istess data, hin, post u cirkostanzi, b' nuqqs ta' hsieb, bi traskuragni jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni tieghu, jew b' nuqqas ta' tharis tar-regolamenti ikkaguna offiza ta' natura gravi fuq il-persuna ta' John Caruana minn Marsaxlokk hekk kif icertifikat minn Dr. S. Leuschner (Reg. Med. 5443) mill-Isptar Mater Dei;
3. Aktar talli fl-istess data, hin, post u cirkostanzi hareg minn fuq sinjal li jindika 'Stop' bl-imsemmija vettura f'dik il-lokalita';

Rat is-sentenza tal -Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, tal-20 ta' Novembru, 2014, fejn il-Qorti wara li rat l-Artikolu 328 tal-Kap 9, u r-Regolament 82 tal-LS 65.11, MVR:

Sabet lill imputat hati u kkundannatu multa ta' elf ewro (€1000).

Rat ir-rikors tal-appell ta' Jean Paul Bugeja, pprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fis-26 ta' Novembru, 2014, fejn talab lil din il-Qorti, thassar, tirrevoka u tannulla s-sentnza appellata sabiex b'hekk tilqa' l-appell u tillibera lill-appellanti minn kull akkuza.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.
Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill- prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravji tal-appellant Jean Paul Bugeja huma s-segwenti w cioe':-

1. Illi l-espoenenti qatt ma' seta jigi misjub hati tal-akkuzi dedotti kotnra tieghu peress li meta sehh l-incident huwa kien gia atraversa Triq Santa Katerina, Marsaxlokk u ghalhekk l-ksietjoni ma' ghandha x'taqsam xejn mal-allegazzjoni li l-istess appellant ma waqfx fuq l-istop sighn, izda l-kawza prossimattiva tal-incident

kienet sempliciment il-fatt li s-sewwieq tal-mutur baqa' literralment diehel fuq il-'mud guard' ta' wara tal-vettura misjuqa mill-appellanti. Illi semplici harsa fuq l-iskizz tal-pulizija tindika li fejn hemm 'blood' miktuba tindika l-ispot of impact fejn allura jidher car u car hafna li l-verzjoni tal-appellanti kien dik l-aktar veritiera u dana meta l-istess titqabbel mal-verzjoni tal-parte civile li nbidlet xi tliett darbet, darbtejn zgur differenti mill-verzjoni li huwa ta' immedjatament wara l-incident fuq l-istess rapport imsemmi. Illi ghalhekk ma hemmx dubju li s-sentenza timmerita li tigi mibdula fis-sens li l-appellanti jigi lliberat minn kull akkuza li huwa ghandu addebitata lilu.

Ikkunsidrat:

Irrizulta mill-provi illi l-appellant Jean Paul Bugeja kien qed isuq il-vettura tieghu tat-tip Skoda AAL 225 fi Triq San Guzepp kantuniera ma' Triq Santa Katerina, Marsaxlokk. Meta wasal fl-inkrocju habat ma' mutur BBZ 456 misjuq minn John Cremona illi sofra offizi ta' natura gravi. Il-pulizija ipprocediet kontra l-appellant u b'sentenza moghtija fl-ghoxrin (20) ta' Novembru tal-elfejn u erbatax (2014) (fol 71) il-Qorti sabet lill-appellant hati u ikkundannatu elf ewro (€1,000) multa.

L-appellant hassu aggravat minn din is-sentenza peress illi deherlu illi l-ewwel Qorti ghamlet apprezzament hazin tal-provi migjuba fil-konfront tieghu. Dan il ghaliex l-incident gara hekk kif l-appellant kien lahaq attraversa l-inkrocju u kien il-mutur li dahal fih u mhux vice versa.

Ikkunsidrat:

Il-Qorti rat l-iskizz tal-incident a fol 10 u rat ukoll ix-xhieda traskritta minn fejn jidher illi hemm kunsens illi Triq San Guzepp minn fejn kien hiereg l-appellant hija triq sekondarja ghal Triq Santa Katerina minn fejn kien ghaddej il-mutur. F'tarf ta' Triq San Guzepp hemm stop sign u hemm ukoll mera biex min ikun waqaf fil-kantuniera jkun jista' jara min gej fi Triq Santa Katerina. L-appellant jghid illi meta wasal fit-tarf ta' Triq San Guzepp waqaf u fi kliemu stess "iccekkjajt sew illi ma kien gej hadd, kelli t-tieqa miftuha u ma kellix radio mixghul u jekk ikun gej xi hadd b'mutur aktar u aktar ha jinstema'. Allura ergajt iccekkjajt ghat-tieni darba, rajt illi

mhu gej hadd u hrigt. Kif wasalt in-naha l-ohra nisma' tisbita mal-karozza u jiena hrigt ha nara laqatx forsi xi karozza jew xi haga u nduna li kien mutur." L-appellant ma jsemmi xejn dwar il-mera illi hemm f'tarf it-triq proprju biex tghinu jaqsam ghal naha l-ohra ta' Triq San Guzepp.

John Cremona jghid illi kien qed isuq fi triq principali, Triq Santa Katerina, Marsaxlokk u jaf illi kien qieghed javvicina inkrocju ma' Triq San Guzepp, kien bil-mutur BBZ 456 cioé tat-tip scooter 125. Kif wasal fl-inkrocju l-karozza qabdet u harget minn wara l-istop sign. Baqa' ghaddej, imblukkalu t-triq però jaf illi wara l-habta intilef minn sensih u ittiehed l-isptar biex jiddewwa ghal griehi illi sofra. Il-griehi huma ahjar deskritti fil-kopja tal-medical file illi hemm esebit bejn fol 45 u fol 48.

Ikkunsidrat:

Minn dawn il-verzjonijiet il-Qorti ssib illi s-sewqan ta' Caruana kien wiehed galbat u skont ir-regolamenti. Kien qed isuq mutur tat-tip scooter ta' kapacità 125cc b'velocità regolari. Zgur illi ma kienx hemm xi eccess ta' velocità min-naha ta' Caruna ghax l-istess impatt jeskludi dan. Kien fi triq principali, kwindi allura kellu dritt jippretendi illi kien se jkollu trapass liberu ghan-naha l-ohra tat-triq u jekk kien hemm xi oneru ta' aktar attenzjoni, dan kellu jinkombi fuq min kien hiereg minn Triq San Guzepp u mhux fi triq tieghu illi kellu dritt jippretendi illi kienet se tkun libera ghal perkors tieghu.

Mhux l-istess però l-Qorti tista' tghid fuq is-sewqan tal-appellant. Minbarra "l-istop sign" l-appellant kellu l-assitenza ta' mera. Izda dwar din ma jsemmi xejn u jghid biss illi waqaf mal-istop sign ihares darbtejn u ma ra lil hadd. L-"ispot of impact" f'nofs it-triq jidher illi l-impatt sar proprju hemm fejn allura l-parti leza John Cremona kellu jkun ferm vizibbli gej fuq in-naha tal-lemin izda l-appellant jghid illi ma ra xejn, u di più hares ghal darbtejn! Ovvjament il-mutur ma giex mis-sema u kien fit-triq u jekk l-appellant kien qed izomm "a proper lookout" dan kien ser jarah u seta' jiehu l-mizuri necessarji u mhux jaqbad u johrog bhal li kieku ma kien gej hadd. Evidentement, l-appellant la waqaf mal-istop sign, la hares lejn il-mirja u

lanqas ma ha dawk il-mizuri necessarji qabel ma qasam dan l-inkrocju biex jassigura l-inkomulità tieghu u ta′ terzi illi jkunu qeghdin fit-triq.

Ghalhekk din il-Qorti taqbel mal-konkluzjoni tal-ewwel Qorti illi dan l-incident sehh unikament u esklussivament minhabba s-sewqan traskurat tal-appellant u fuq il-provi li kellha quddiemha setghet legalment u ragjonevolment tasal ghall-konkluzjoni illi waslet ghaliha. Ghalhekk mhux il-kaz illi din il-Qorti tiddisturba dik id-diskrezzjoni.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti taqta′ u tiddeciedi illi tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------